**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta' Marzu 2002**

**Rikors Nru: 107/01B**

**Anna Mercieca**

**Vs**

**Francesca Saveria Galea**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi l-esponenti tikri lill intimata Francesca Saveria Galea id-dar numru tnejn u ghoxrin (22) Triq Brighella, Hamrun bil-kera ta' erbatax il-lira (Lm14) fis-sena jithallas b' sena bil-quddiem. L-iskadenza li tmiss taghlaq fl-1 ta' Novembru 2002.

Illi d-dar hija mikrija bhala residenza ghall uzu personali tal-intimata izda l-intimata telqet mid-dar xi ghaxar snin ilu u marret toqghod ma bintha fil-fond Trevi, Triq Daniel Sammut, Lija, u wara daz-zmien kollu, huwa ovvju li dan ma kienx xi traslok temporanju izda kas ta' abbandun totali tal-fond tal-esponenti li ghalhekk ma ghadux jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri..

Illi l-intimata ma zammitx id-dar fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u minhabba f' hekk ikkawzat hsara konsiderevoli fih.

Illi l-esponenti ghandha bzonn id-dar biex bintha Simone Mercieca li ghandha l-eta' taghha tmur tghix go fih.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett kollu li dana l-Bord jawtorizzaha ma ggeddidx il-lokazzjoni favur l-intimata wara l-iskadenza li tmiss ghal tliet ragunijiet fuq indikati, u konsegwentement tordna l-izgumbrament taghha u ta' dak kollu li hu hwejjigha, fi zmien qasir u perentorju, mill-imsemmi fond 22 Triq Brighella, Hamrun.

Ra r-risposta ta' l-intimata;

Illi hija ghandha l-kera mhallsa sa l-1 ta' Novembru 2002 liema kera tinsab depositata il-Qorti.

Illi hija ma toggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti purche li tinghata xahrejn zmien sabiex tkun tista' issib post alternativ fejn taghmel l-ghamara li hemm fil-fond in kwistjoni.

Illi hija tghix bil-pensjoni u ghalhekk m'ghandhiex tbati spejjez.

Ra l-art 31 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-fond /dar numru 22, Triq Brighella, Hamrun; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahrejn (2) millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

Dep.Reg Magistrat